Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAS-SITTA u ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2015

**Ħin:** Mid-9.00am sal-10.41 am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Ħamsin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li l-ittra tal-appell li saret fuq l-għoti tat-tender il-ġdid għal ġbir tal-iskart domestiku ma ġietx milqugħa mill-Bord tal-Appell u lanqas ma ssottometta appell mal-Qorti Civili u għalhekk il-Kunsill jista' jagħti l-kuntratt il-ġdid lill-operatur il-ġdid. Il-Kunsill iddeċieda li dan il-kuntratt jibda fl-Ewwel ta' Mejju 2015.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li fir-rigward tat-talba għal tower crane fi Triq Birbal, il-kuntrattur ingħata minn Transport Malta sett ta' kundizzjonijiet peress li din hija arterja prinċipali u taqa' taħt il-Gvern Ċentrali biex tiġi mplimentata s-saħħa u sigurta' tar-residenti.

Fir-rigward tat-talba li kienet saret mill-Kunsill biex jiltaqa' mal-Ministru l-Onor. Joe Mizzi rigward is-sitwazzjoni prekarja li tinsab fiha Triq il-Wied, il-Viċi Sindku ta informazzjoni fuq il-laqgħa li saret miegħu

fejn ġejna infurmati mill-ministru li xogħolijiet fuq drenaġġ jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-Ministru l-Onor. Konrad Mizzi, Ministeru tal-Enerġija u s-Saħħa.

Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lill-ministru għal-laqgħa urġenti miegħu fejn tiġi diskussa is-sitwazzjoni ta' Triq il-Wied.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta xi tagħrif fuq il-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Stefan Buontempo fuq il-post alternattiv fejn ġejna infurmati li huwa kompitu tal-Kunsill li jsib post alternattiv u la darba jinstab din tiġi approvata mill-Ministru konċernat jekk ikun il-każ.

Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jara l-opzjonijiet kollha possibli biex jinstab dan il-post u sadanittant huwa informa lill-Kunsill li bħala post temporanju s-Sorijiet tal-Bon Pastur offrew żewġt ikmamar minn fejn jista' jaħdem il-Kunsill jekk huwa vijabbli.

Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma lill-Kunsill li saru xi xogħlijiet fuq xi trinka quddiem Trinidad Court minħabba problema ta' drenaġġ u dan ix-xogħol ma sarx sew. Is-Segretarju ser jinforma lid-drainage department biex jagħmlu spezzjoni.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq ir-*rubber safety signs* quddiem Kola Store. Il-Viċi Sindku għandu jikseb xi stimi f'dan ir-rigward.

## 3. <u>Korrispondenza u Ilmenti</u>

**Ittra Nru. 4716:** Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara infurma lill-Kunsill li hemm applikazzjoni quddiem il-MEPA biex garaxx 211 li jinsab fi Triq il-Ferrovija l-Qadima jinbidel f' *house of prayer u store.* Jekk dan il-permess jinħareġ il-problema tal-ipparkjar f'din it-triq ser tkompli tiżdied.

Il-Kunsill ser jibgħat ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Bord tal –MEPA biex jieħu in kunsiderazzjoni din il-problema u jsir *traffic impact assessment* u għal xiex ser jintuza dan l-istore qabel ma joħroġ il-permess.

**Ittra Nru 4714**: Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq talba tas-Sinjura Josephine Azzopardi li toqgħod fi Triq Qarcilla fuq il-problem tat-trasport pubbliku li ma tgħaddix tal-linja minn dawk in-naħat dirett għal Mater Dei.

Il-Kunsill ser jibgħat dan is-suġġeriment lill-Transport Malta għal kunsiderazzjoni tagħhom kif ukoll għal Bus Stop fi Triq Birbal faċċata ta' Triq Kannizzata fuq suġġeriment tal-Kunsillier Stephen Gatt.

**Ittra Nru 4713:** Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq talba ta' resident biex jitwaħħlu aktar Notice Boards tal-Kunsill fi Vjal de Paule and Birbal area.

Il-Kunsill ser jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex issir applikazzjoni mal-MEPA għal *notice board* f'Wesgħa Profs Ġuże' Aquilna kantuniera ma' Triq Birbal.

**Ittra Nru 4707**: Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment tas-sinjura Borg Olivier de Puget fuq ipparkjar illegali quddiem 104, Triq Il-Kbira. Hija talbet li jitwaħħlu bollards quddiem il-bieb.

Is-Sindku qal li Transport Malta jimponu li ma jitwaħħlu ebda *bollards* fit-triq skont il-liġi u għalhekk din it-talba ma tistax tintlaqa'. Il-Kunsill għalhekk ser jitlob lill-gwardjani lokali biex jinfurzaw.

**Ittra Nru 4706**: Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment ta' residenta fi Triq il-Kbira fuq ipparkjar illegali li qed isir ħdejn l-iskola ta' San Alwigi. Il-Kunsill għalhekk ser jitlob lill-pulizija biex jinfurzaw.

**Ittra Nru 4683**: Ittra mingħand is-Segretarju Kazin Banda San Gabriel fuq ir-rampa quddiem il-Kazin fi Triq l-Annunzjata li qed tostakola l-bankina u infurmana li dik qed tintuża għal nies bi bzonnijiet speċjali sabiex jidħlu l-każin. Huwa infurmana li qed ikun hemm dewmien minn naħa tal-KNPD biex jagħtu l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kunsill filwaqt li ma jsib ebda oġġezzjoni li bħala kazin jirregolarizzaw ruħhom mal-KNPD kif ukoll jirriafferma ruħu li ma jsib ebda oġġezzjoni kif ġew sottomessi l-pjanti l-MEPA għal rampa pero’ l-kumitat irid jifhem li ma jistax isir ostaklu tal-bankina sakemm din is-sitwazzjoni tiġi regolarizzata u għalhekk jitlob li din ma tibqax hemm fissa fil-post.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni minn naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

## 4 Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar- Rapport Finanzjarju Annwali 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li l-aġġustamenti proposti minnhom għall-approvazzjoni tal-Kunsill kienu għadhom ma ntbagħtux. Huwa qal li fil-kaz li jintbagħtu huwa ser isejjaħ laqgħa urgenti tal-Kunsill biex jiġu approvati.

## 5. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tal-25 ta’ Marzu 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 23,730.97

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 6. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku beda biex awgura lil dawk kollha li offrew is-servizzi tagħhom għal ġid ta’ Ħal Balzan u ser jikkontestaw l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li kien ta’ pjaċir għalih li ħadem mal-kumplament tal-kunsilliera u jinsab ċert li kollha taw is-servizzi tagħhom għal-ġid tar-raħal. Huwa jispera li l-Kunsill il-ġdid ikun denju għal lokalita’ tagħna.

## 7. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Guido Borg issuġerixxa li għandha titwaħħal mera faċċata ta’ Wesgħa Profs. Ġuże’ Aquilina kantuniera ma’ Triq Birbal biex jiġu evitati xi aċċidenti tat-traffiku. Il-handyman ser imur fuq il-post u jara x’jista’ jsir.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk ittiehditx xi azzjoni fuq persuna li kienet ta’ sikwit qed tħammeġ fejn il-Bring-In-Site fi Triq l-Annunzjata. Il-Viċi Sindku qal li l-pulizija kienu marru fuq il-post biex jieħdu azzjoni.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa fuq it-tower crane li jinsab sorġut fi Triq il-Ferrovija l-Qadima meta ser jiżżarma.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-permess jiskadi fl-aħħar ta' Marzu u mhux ser joħorgu ebda permessi mill-Kunsill skont deċizjoni meħuda mill-Kunsill.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 15 ta' April 2015 fid-9.00am.

**Dr. John Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data